C/2025/6531

4.12.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12210 — PHOENIX/HAEMATO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6531)

1. Fis-26 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PHOENIX Deutschland Holding GmbH ("Phoenix", il-Ġermanja), ikkontrollata minn PHOENIX Pharma SE (il-Ġermanja),

— HAEMATO PHARM GmbH ("Haemato", il-Ġermanja), li bħalissa hija kkontrollata minn MPH Health Care AG (il-Ġermanja).

Phoenix se takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Haemato kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Phoenix hija fornitur integrat tal-kura tas-saħħa attiva fil-Ġermanja u f'pajjiżi Ewropej oħra. Hija attiva prinċipalment fid-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti farmaċewtiċi, kif ukoll fil-bejgħ bl-imnut tal-farmaċija, fil-ġestjoni tal-inventarju u fis-soluzzjonijiet loġistiċi, u servizzi oħra għall-industrija farmaċewtika,

— Haemato huwa bejjiegħ bl-ingrossa speċjalizzat li jiddistribwixxi prodotti farmaċewtiċi għall-HIV/AIDS, in-newroloġija, l-onkoloġija, ir-rewmatoloġija, u l-oftalmoloġija fil-Ġermanja u fl-Awstrija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12210 — PHOENIX / HAEMATO

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË